Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 548/2014

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Reuben Balzan (530371(M)) u l-istess Reuben Balzan**
**(appellati u appellanti inċidentalment)**

**Vs**

**(1) Korporazzjoni Enemalta u b' digriet datat 3 ta' Novembru 2014 il-kliem Korporazzjoni Enemalta tħassar u ġie sostitwit bil-kliem Enemalta p.l.c.**
**(appellata)**

**(2) GasanMamo Insurance Limited (appellata u appellata inċidentalment)**

**u b' digriet datat 26 ta' Awissu, 2014 ġiet kjamata fil-kawża GO p.l.c (appellanti u appellata inċidentalment)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba[1] ppreżentat fit-8 t'Awissu 2014, ir-rikorrenti talbu lit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar jordna lis-soċjetajiet intimati jħallsuha s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2,646.46), somma ċerta, likwida u dovuta, rappreżentanti danni sofferti u spejjeż inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni u bħala kaġun tal-inċident li seħħ fil-15 t' Ottubru 2012 meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAO791 assikurata mis-soċjetà intimata laħqet '*cables*' appartenenti lill-Korporazzjoni intimata u b'hekk ikkawżat ħsara estensiva fil-fond ossija '*maisonette*' li tinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera assikurata mis-soċjetà mittenti u proprjetà tar-rikorrent Balzan u liema inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tal-liġi da parti tal-intimati. Bl-imgħaxxijiet sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' atti ġudizzjarji relatati inkluża l-ittra uffiċjali interpellatorja datata Ġunju 2014 u l-ispejjeż kollha konnessi mal-proċedura odjerna.

[1] Fol. 1.

2. Permezz ta' Risposta[2] ppreżentata fl-20 t' Awissu 2014, l-intimata GasanMamo Insurance Limited wieġbet illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom peress li l-intimata GasanMamo Insurance Limited m'għandha xejn x' tagħti lir-rikorrenti in kwantu l-inċident in kwistjoni ma ġiex ipprovokat b'xi mod u manjiera minn xi negliġenza jew traskuraġni tas-sewwieq tal-vettura CAO 791. Bla ħsara għal dan wieġbet ukoll li l-ammont ta' danni mitlub mir-rikorrenti huwa eżaġerat u għaldaqstant il-kwantum tad-danni qiegħed ukoll jiġi kkontestat.

3. Permezz ta' Risposta[3] ppreżentata fil-21 ta' Awissu 2014, il-Korporazzjoni Enemalta wieġbet illi hija għandha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu hija mhijiex responsabbli għall-inċident *de quo* anzi permezz tal-istess inċident l-Korporazzjoni Enemalta soffriet danni li huma komputati u li l-Korporazzjoni Enemalta ser tipproċedi għall-ħlas tagħhom permezz ta' proċeduri ġudizzjarji ulterjuri. Fil-mertu kkontestat ukoll il-pretensjoni tar-rikorrenti.

4. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-21 ta' Awissu 2014,[4] il-Korporazzjoni Enemalta talbet il-kjamat in kawża ta' GO p.l.c. sabiex tirrispondi direttament għat-talbiet avvanzati mir-rikorrenti peress li l-'*cables*' in kwistjoni kienu appartenenti lilha u mhux lill-Korporazzjoni Enemalta liema talba ġiet milqugħa b' digriet datat 26 ta' Awissu 2014.

5. Permezz ta' nota[5] ppreżentata fl-10 ta' Settembru 2014, Enemalta p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta.

6. Permezz ta' Risposta[6] ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2014 GO p.l.c. wieġbet illi t-talba attriċi kif dedotta fir-rigward tagħha hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

7. B'deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2015, it-Tribunal iddeċieda:

i) Illibera lill-Korporazzjoni Enemalta mill-osservanza tal-ġudizzju;

---
[2] Fol. 10.
[3] Fol. 16.
[4] Fol. 14.
[5] Fol. 17.
[6] Fol. 19.

ii) Laqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited u ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà kjamata fil-kawża GO plc;

u konsegwentement, laqa' t-talba tar-rikorrenti u kkundanna lis-soċjetà kjamata fil-kawża GO p.l.c. tħallas lir-rikorrenti s-somma reklamata ta' elfejn sitt mija sitta u erbgħin euro u sitta u erbgħin ċentezmi ta' euro (€2646.46) bl-imgħaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-9 ta' Settembru, 2014, data li fiha ġiet notifikata s-soċjeta kjamata fil-kawża bit-Talba odjerna, sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjez tal-Korporazzjoni Enemalta u tas-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited huma a karigu tar-rikorrenti filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjeż huma a karigu tas-soċjeta kjamata fil-kawża GO p.l.c.

8. Minn din is-sentenza appellat s-soċjetà GO p.l.c. L-aggravju huwa illi t-Tribunal għal Talbiet Żgħar fid-deliberazzjoni tiegħu naqas milli jwettaq apprezzament korrett tal-provi li kellu quddiemu, u li japplika b' mod korrett il-prinċipji legali viġenti.

9. Is-soċjetajiet GasanMamo Insurance Limited u Enemalta p.l.c. wieġbu li s-sentenza hi ġusta u timmerita li tiġi konfermata. Is-soċjetà Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Reuben Balzan wieġbet illi s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma biss inkwantu għall-imputazzjoni ta' responsabbilità lis-soċjetà kjamata in kawża Go plc. Madanakollu pproponiet appell inċidentali għaliex, '*filwaqt li hemm qbil mal-konsiderazzjonijiet u sejbien ta' responsabilità da parti tas-soċjetà kjamata in kawża GO plc, jidher illi t-Tribunal tal-Prim'Istanza llibera lis-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Ltd mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma evalwa, fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu, il-posizzjoni tal-istess GasanMamo Insurance Ltd ukoll fejn, skond l-esponenti, kellha tinstab responsabilità anke sa parti ta' l-istess soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Ltd.*'

10. Illi GasanMamo Insurance Limited u Enemalta p.l.c. wieġbu għall-appell inċidentali ta' Citadel Insurance p.l.c. fl-14 ta' Awissu 2015 u fid-19 ta' Awissu 2015 rispettivament. Filwaqt li GasanMamo Insurance Limited sostniet li l-appell inċidentali tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud in kwantu infondat fil-fatt u fid-dritt, is-soċjetà Enemalta p.l.c. talbet biss li inkwantu l-appell inċidentali mressaq minn Citadel Insurance p.l.c. ma talabx riforma jew varjazzjoni ta' dik il-parti tas-sentenza li tikkonċerna lil Enemalta p.l.c., din il-Qorti m'

għandiex tidħol fil-parti tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tal-24 ta' Ġunju 2015 li tikkonċerna lis-soċjetà Enemalta.

**Fatti.**

11. Fil-15 ta' Ottubru, 2012 trukk bin-numru Bedford, assigurat ma' GasanMamo Insurance Limited, kien ghaddej minn Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera sejjer fid-direzzjoni tal-Hamrun. F'ħin minnhom it-trukk laqat wire li kien għaddej min-naħa għall-oħra tat-triq u saret ħsara fil-faċċata tad-dar tal-attur Reuben Balzan peress li ccaqlaq xi ġebel. Il-wire kien imwahhal mat-tieni sular tal-bini tal-attur, tista' tgħid eżatt taħt l-opramorta (**ara ritratt SF4**).

**Ikkunsidrat:**

12. Go plc issostni li kien jinkombi fuq Enemalta p.l.c. tressaq prova li l-ħsara mertu ta' din il-vertenza kienet attribwibbli lilha. L-appellanti ssostni li l-provi juru li l-appellanti ma kellhiex htija ghall-inċident in kwistjoni.

13. L-appellanti irreferit għax-xhieda ta' Saviour Farrugia, *technical officer* mal-Enemalta p.l.c. u għax-xhieda ta' Charles Cachia, is-sewwieq tal-vettura CAO 791 involuta fl-inċident, u tilmenta li b'kuntrast għal dak deċiż mit-Tribunal f'paragrafu 10 tad-deċiżjoni appellata, l-wire miġbud mill-vettura misjuqa mill-imsemmi Charles Cachia kien ta' lewn abjad u ċioé tal-Melita mhux tagħha.

14. Il-motivazzjoni tat-Tribunal tinsab f' paragrafi 16 u 17 a fol. 10 u 11 tas-sentenza appellata fejn jingħad illi:

> *'16. Fil-fehma tat-Tribunal, u mill-provi hawn fuq miġjuba, jirriżulta sodisfacentement li waqt li Charles Cachia kien qiegħed isuq it-trakk tat-tip Bedford fi Triq il-Kappillan Mifsud gewwa Santa Venera huwa laqat il-cables proprjetà tas-soċjeta kjamata fil-kawża bil-konsegwenza li dan il-cable imbagħad ġibed il-cable proprjetà tal-Korporazzjoni intimata u b'hekk seħħet il-ħsara fil-faċċata tar-rikorrenti Ruben Balzan. Is-soċjetà kjamata fil-kawża tgħid li apparti l-cables tagħha, kien hemm ukoll cables tal-Melita u in sostenn ta' dan tislet mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Korporazzjoni intimata Saviour Farrugia u x-xufier Charles Cachia. Ta' l-ewwel kien qal li apparti l-wires tal-Korporazzjoni intimata u tas-soċjetà kjamata fil-kawża kien hemm ukoll, jekk ma kienx sejjer żball, wires tal-Melita tal-lewn abjad filwaqt li tat-tieni qal li l-wire li laqat kien tal-lewn abjad u li ftit il-fuq aktar minn dan il-wire huwa kien ra tlett wires oħra tal-lewn iswed. Pero, t-Tribunal ma huwiex sodisfatt b'din l-ispjega u dan anke l-għaliex Charles Cachia, x-xufier in kwistjoni kien qal li l-wire li laqat kien tat-telephone u li wasal għal din il-*

*konkluzzjoni l-għaliex il-wire kien irqiq. Is-soċjeta kjamata fil-kawża messha resqet lil rappreżentant tal-Melita sabiex jixhed dwar dan il-każ u jekk kellhomx cables għaddejjin min hemm, pero din baqgħħt, għar-raġunijiet tagħha ma resqitux. Tul ix-xhieda imbagħad is-soċjetà intimata qanqlet il-punt li xi cable kien imdendel l-isfel iktar milli suppost u li għalhekk is-sewwieq tat-trakk in kwistjoni ma kienx responsabbli għal akkadut. Is-sewwieq Charles Cachia ġie mistoqsi jekk huwa kienx ra xi cable li kien qiegħed imdendel aktar l-isfel milli suppost u jekk huwa rax dan il-cable. Ix-xufier qal li huwa ma ra xejn min dan. Ir-rappreżentant tal-Korporazzjoni ntimata, Saviour Farrugia, tela jixhed u qal li huwa kien inkarigat mill-area fejn seħħ l-inċident u li ma kien jaf bl-ebda ilment li kien daħal għandhom sabiex jinfurmawhom li kien hemm xi cable tad-dawl li kien imndendel. Saħaq li jekk kien jidħol xi ilment ta' dan it-tip, huwa kien ikun jaf u kien jieħu ħsieb mal-ewwel li jirranġa dan il-fatt. Is-soċjetà kjamata fil-kawża ukoll f'dan il-każ ma resqet lil ħadd mill-addetti tagħha sabiex hija ukoll, bħal ma għamlet il-Korporazzjoni intimata, teskludi dan il-fatt ukoll.*

*17. Għalhekk, hija tajba l-eċċezzjoni mqanqla mill-Korporazzjoni intimata li hija ma għandha x'taqsam xejn ma dan il-każ u konsegwentement għandha tiġi liberata mill-ossservanza tal-ġudizzju. Ġie ppruvat ukoll għas-sodisfazzjoni tat-Tribunal li anke s-sewwieq Charles Cachia ma kienx b'xi mod traskurat jew negligenti fis-sewqan tiegħu. Konsegwentement ir-responsabbilità ta' l-inċident hija għalhekk tas-soċjetà kjamata fil-kawża u konsegwentement għandha twieġeb għal ħsarat sofferti.'*

15. Mill-atti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- **James Magri**,[7] *loss adjustor* inkarigat biex jagħmel *onsite visit* u rapport mis-soċjetà rikorrenti Citadel Insurance Insurance p.l.c., xehed illi '*mal-faċċata tad-dar ta' Reuben Balzan, ir-rikorrenti, naf li kien hemm pole imċaqlaq u li ma' dan il-pole jkun hemm marbutin cables. Sa fejn naf jiena dawn il-cables huma tad-dawl peró ma niftakarx ... dawn il-wires u ċioé l-cables kienu madwar żewġ sulari 'l fuq mil-livell tat-triq ... Nikkonferma ukoll dak li ... costs should be borne by car insurers'.*

- Ir-rikorrent **Reuben Balzan**, xehed[8] illi huwa l-proprjetarju tal-fond 232, Elki, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera liema fond ġarrab ħsarat in konsegwenza għall-inċident mertu tal-każ odjern. Huwa ma kienx preżenti meta seħħ l-inċident. Qal illi x' ħin wasal fuq il-post kien hemm trukk tal-Enemalta li '*kien*

[7] Fol 71 -72.
[8] Fol. 89.

*qiegħed jiġbor il-wires tal-elettriku li kien hemm mal-art. Mistoqsi jekk il-wire kienx imdendel jew imqaċċat ngħid li l-wire kien maqlugħ bil-ħadida b' kollox minn mal-ħajt ... jien ma rajt l-ebda vann tal-GO on site jew ħaddiema fil-ħin li kont preżenti ...'*

- **Charles Cachia**, is-sewwieq tat-*truck* Bedford in kwistjoni, xehed[9] illi fit-*truck* in kwistjoni hemm *high up*. Madanakollu fil-ħin tal-inċident il-*high up* kien imniżżel ġol-kaxxa tat-*truck* li hija madwar tlett piedi għola mill-kabina. Huwa kien qiegħed fir-rotta regolari tiegħu jiġbor l-iskart riċiklabbli. '*Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena rajtx dan il-cable qabel ma lqattu ngħid li ma rajtux, ma kienx quddiemi ... x' ħin ħriġt mit-truck rajt il-wire li kont ġbidt bit-truck li kont qiegħed insuq. Jien għalija ngħid li dan huwa wire tat-telephone. Il-wire qbadtu mal-kaxxa mhux bil-high up ... Mistoqsi jekk il-wire kienx tat-telephone jew jekk kienx ta' xi utilità oħra ngħid illi jiena ma nafx peró rajtu rqieq ... il-wire kien ta' lewn abjad, u ma nafx inġibdux wires oħra. Meta jien inkun qiegħed insuq inħares 'l isfel u 'l quddiem ma noqgħodx inħares 'l fuq. Ftit aktar 'l fuq mill-wire l-abjad li jiena kont ġebbidt bil-kaxxa tat-truck rajt tlett wires oħra ... il-wire li rajt jien kien abjad. Il-wires l-oħrajn li kienu fuq dan il-wire l-abjad u li semmejt u li kienu tlieta fl-ammont kienu ta' lewn iswed.'*

- **Saviour Farrugia**, li qabel ma rtira kien *technical officer* mal-Korporazzjoni Enemalta, xehed[10] li fil-15 ta' Ottubru 2012 kien għaddej minn Triq il-Kappillan Mifsud b'kumbinazzjoni ftit wara li seħħ l-inċident *de quo*. Huwa ra *cable* tal-Enemalta li qiegħed imdendel f' nofs it-triq u bracket magħluqa minn mal-ħajt pero għadha mwaħħla ukoll mal-*cable*. Fl-akkwati kien hemm vann li kellu l-kaxxa tiegħu madwar metru u nofs għola mill-kabina peró ma kien hemm xejn għola mill-karozza ta' wara tiegħu u ħdejħ kien hemm *cable* tal-madwar *half inch* ħxuna maqtugħ fl-art. '*Dan kien tal-GO.*' Huwa rrefera għal *street lightening pole* tal-injam li jidher fir-ritratt minnu eżebit u mmarkat '**Dok SF2'** liema arblu, skont ix-xhud, huwa proprjetà tal-GO u li miegħu kien imqabbad il-*cable* tal-GO ta' lewn iswed li jidher mirħi fl-art

[9] Fol 102 et. seq.
[10] Fol. 106 et. seq.

fin-naħa l-oħra tat-triq f' '**Dok SF1**'. Min-naħa l-oħra, il-*cross* tal-*cable* tal-Enemalta jinsab mat-tarf l-ieħor tal-faċċata tal-ħanut bl-isem *Secret Garden* kif jirriżulta minn '**Dok SF 3**' li jindika li mid-direzzjoni minn fejn kien ġej Charles Cachia '*il-cable tal-Go kien qabel il-cable tal-Enemalta'*. In kontro-eżami qal ukoll illi '*apparti l-wires tagħna u tal-Go kien hemm ukoll il-wires tal-Melita jekk mhux sejjer żball il-wires tal-Melita huma bojod. Mistoqsi dwar il-wire tal-Melita ngħid illi dan kien imdendel ma' tagħna ma kienx maqtugħ.'*

16. L-appellanti tikkontendi li, '*bħala fatt huwa magħruf li s-soċjetà Melita, li ... kellha l-wires tagħha fuq il-post tal-inċident u liema wires kienu ta' lewn abjad, il-kulur li s-sur Cachia identifika li kien il-wire minnu miġbud, tipprovdi wkoll servizzi ta' telefonija ... għaldaqstant, fl-umli fehma tas-soċjetà esponenti, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fuq il-bażi ta' provi li kellu quddiemu qatt ma seta' jasal għall-konklużjoni li filfatt wasal għaliha u ċioé li l-wire tat-telefon indikat mis-sur Cachia kien fil-fatt proprjetà tas-soċjetà esponenti ...'*. Fil-fehma tal-qorti mhemmx prova ċara li l-wire li tqaċċat kien tal-kumpannija Melita Limited. Qal sew it-Tribunal li, *"Is-soċjeta kjamata fil-kawża messha resqet lil rappreżentant tal-Melita sabiex jixhed dwar dan il-każ u jekk kellhomx cables għaddejjin minn hemm, pero' din baqgħet għar-raġunijiet tagħha ma resqitux"*. L-ebda xhud ma qal li l-wire li ntlaqat kien ta' Melita Limited. L-appellanti qegħda tasal għal dik il-konklużjoni fuq:

i. Il-fatt li x-xufier tat-trukk qal li l-cable kien ta' lewn abjad;
ii. Li hu magħruf li l-cables tal-Melita Limited huma bojod;

17. Il-qorti tosserva wkoll kif l-appellanti lanqas ma resqet provi li jikkontestaw li kien hemm wire tagħha għaddej fil-post fejn seħħ l-inċident, ċjoe' dak identifikat minn Saviour Farrugia fir-ritratt Dok. SF2.

18. Saviour Farrugia xehed li apparti l-wires tal-Enemalta u tal-Go kien hemm ukoll il-wires tal-Melita u '*jekk mhux sejjer żball il-wires tal-Melita huma bojod.*' Dan ma jammonta għall-ebda prova konkreta dwar il-kulur tal-*cable* allegatament użat mill-imsemmija soċjeta li qatt ma kienet parti fil-kawża. Il-qorti żżid li meta x-xhud ġie mistoqsi dwar il-wire allegatament tal-'*Melita'*, qal illi **dan '*kien imdendel ma' tagħna ma kienx maqtugħ*'**. Mid-deposizzjoni ta' Farrugia hu evidenti li l-ewwel cable kien tas-soċjeta appellanti. Fil-fatt hu xehed: *"B'riferenza ghad-dokument SF2 ngħid li hemm jidher street lighting, issa pole. Quddiem dak is-street lighting inzerta li kien*

*hemm ukoll pole tal-injam, għalhekk jidher id-differenza fil-ħxuna bejn il-pole tal-elettriku fil-parti ta' fuq fid-dritt u l-parti t'isfel. Ma' dik il-pole tal-injam imbagħad kien hemm il-cable li jiena mmarkajt again bi vleġġa ħamra tal-Go... Fid-dokument SF1 imbagħad hemm il-parti l-oħra tal-cable li jgħaqqad għal mal-pole tal-injam mal-arblu tal-injam illi huwa maqtugħ".* Mir-ritratti u l-fatt li Cachia kien qiegħed isuq fid-direzzjoni tal-Ħamrun, it-trukk l-ewwel għadda ma' ġemb il-pole.

19. Dwar il-fatt li t-Tribunal ma kienx sodisfatt bix-xhieda ta' Charles Cachia li stqarr li l-wire li kien laqat kien ta' lewn abjad tat-*telephone* din il-Qorti ma tara xejn manifestament żbaljat. Effettivament, fix-xhieda tiegħu Charles Cachia qal li ma rax il-*cable* mdendel aktar 'l isfel milli suppost qabel ma ġibdu u mistoqsi għaliex identifika l-wire bħala '*tat-telephone*' wieġeb '*ma nafx peró rajtu rqieq'.* Il-qorti tqies iktar kredibbli l-verżjoni ta' Saviour Farrugia, persuna li kienet midħla tal-wires għaddejjin fl-arja u li bihom jingħataw servizzi lid-djar u negozji. Id-deposizzjoni ta' Farrugia hi wkoll iktar dettaljata minn dik ta' Cachia. Fatt li għall-qorti jagħmel dik id-deposizzjoni iktar attendibbli.

20. Min-naħa l-oħra, fir-ritratti eżebiti minn Saviour Farrugia tad-diversi *cables* għaddejjin minn dik il-parti tat-Triq il-Kappillan Mifsud fejn seħħ l-inċident jidher *cable* iswed twil jiġri mal-art li Saviour Farruiga, li x-xhud għaraf li jappartjeni lis-socjeta appellanti. Bħala persuna tas-sengħa l-qorti tqies li x-xhud kien kapaċi jidentifika l-cable li tqaċċat l-ewwel u ta min hu; *"Il-cross min-naħa l-oħra tat-triq tal-Enemalta jinsab fejn il-gallarija tal-ġebel li hemm fuq il-ħanut bl-isem ta' Secret Garden. Din il-bidu tagħha qegħda tiġi mmarkata mit-Tribunal b'ċirku tond fuq id-dokument SF3.* ***<u>Dan ifisser li l-cable tal-GO kien qabel il-cable tal-Enemalta</u>****".*

21. Huwa spjega ukoll permezz ta' ritratti minnu eżebiti li dan il-*cable* kien jaqsam l-imsemmija triq minn arblu tal-injam fuq naħa għan-naħa l-oħra tat-triq u li, meħud mid-direzzjoni li kien ġej minnha Charles Cachia, tali *cable* kien jaqsam l-istess triq ftit aktar 'l fuq minn fejn kien jaqsam it-Triq il-*cable* tal-Enemalta. Skont l-imsemmi xhud, l-*cable* tal-Enemalta kien imdendel għaliex inqalgħu l-*clips* u mistoqsi dwar l-*cable* abjad preżumibilment tal-*Melita* huwa qal li dan '*kien imdendel ma' tagħna ma kienx maqtugħ.'* Verżjoni mhux kontradetta mis-soċjeta appellanti.

22. Din il-Qorti tasal għalhekk ukoll għall-konklużjoni li l-*cable* li inġibed mit-trukk li kien qiegħed isuq Charles Cachia kien dak li jidher maqtugħ u mifrux mal-art f'**Dok SF1**. Miegħu imbagħad ġibed ukoll l-*cables* l-oħra li jidhru mdendlin iżda mhux maqtugħin f'**Dok SF4** tant illi l-bracket li permezz tagħha kienu imwaħħla mal-faċċata tal-proprjetà tar-rikorrent Reuben Balzan inqalgħet b'kollox.

23. Saviour Farrugia (Enemalta plc) xehed ukoll li l-*cable* maqtugħ u mifrux mal-art f'**Dok SF1** li huwa ra ħdejn il-vann kien tal-madwar *half an inch* ħxuna. Huwa aktar verosimili li kien *cable* ta' din il-ħxuna milli '*wire irqiq',* kif identifikat minn Charles Cachia, li inġibed mill-kaxxa tat-*truck* u kkawża l-ħsarat strutturali estensivi fil-proprjetà ta' Reuben Balzan.

24. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell prinċipali tas-soċjeta GO p.l.c. qiegħed jiġi miċħud in kwantu infondat u nsostenibbli.

25. Din il-Qorti se tgħaddi issa biex tqis l-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi li tilmenta illi, '*filwaqt li hemm qbil mal-kunsiderazzjonijiet u sejbien ta' responsabilità da parti tas-soċjetà kjamata in kawża GO plc, jidher illi t-Tribunal tal-Prim' Istanza llibera lis-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Ltd mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma evalwa, fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu, il-posizzjoni ta' l-istess GasanMamo Insurance Ltd ukoll fejn, skond l-esponenti, kellha tinstab responsabilità anké sa parti tal-istess soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Ltd.'*

26. L-appell inċidentali hu bażat fuq l-ilment li huwa għal kollox inverosimili li mill-mument li qabad it-triq, l-istess xufier ma ndunax bil-*cables,* li kienu livell ta' għajnejn biex ħadhom bil-kaxxa tat-*truck* misjuq minnu, liema kaxxa huwa qal li hija biss ħarira għola mill-kabina.

27. Mill-provi jirriżulta li filwaqt li Charles Cachia jgħid li l-kaxxa tat-*truck* hija madwar tlett piedi għola mill-kabina, Saviour Farrugia xehed li l-kaxxa kienet 'l fuq iżjed mill-kabina madwar metru u nofs.

28. Charles Cachia xehed, '*Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena rajtx dan il-cable qabel ma lqattu ngħid li ma rajtux, ma kienx quddiemi ... x' ħin ħriġt mit-truck rajt il-wire li kont ġbidt bit-truck li kont qiegħed insuq ... Il-wire qbadtu mal-kaxxa mhux bil-high up ...* ***Meta jien inkun qiegħed insuq inħares 'l isfel u 'l quddiem ma noqgħodx inħares 'l fuq****.'*

29. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, fl-appell inċidentali ma ntqal xejn ġdid li jista’ jwassal lill-qorti biex ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal. Biex ġara dak li ġara hu evidenti li l-wire kien iktar baxx milli suppost. Il-fatt li Charles Cachia ma rax il-wire ma jfissirx li ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout*. Il-qorti ma tippretendix li Cachia kellu joqgħod attent jara hemmx xi wire fl-arja u jikkalkola huwiex ogħli biżżejjed li jippermettilu jgħaddi minn taħtu. Wire mhuwiex per eżempju xi struttura fissa. Hu d-dmir ta’ min ipoggi dawn il-wires li jgħaddu min-naħa għall-oħra tat-triq li jiżgura li jitpoġġew f’ogħli biżżejjed li ma jkunux ta’ ostakolu għat-traffiku u fit-tieni lok li jiżgura li f’kull żmien il-wires ma jiddendlux l-isfel b’mod li jkunu ta’ ostakolu għat-traffiku.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell ta’ Go plc u l-appell inċidentali tal-atturi.**

**Spejjeż tal-appell a karigu ta’ Go plc u spejjeż tal-appell inċidentali a karigu tal-atturi.**

Anthony Ellul.